MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2006

Numru 537/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO BONNICI**

**VS**

**CARMEL ABELA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Abela, ta’ 58 sena, bin Carmelo u Carmela nee’ Scicluna, imwieled gewwa r-Rabat nhar l-20 ta’ Lulju, 1947, residenti fil-fond numru 7, Alley 1, Triq Cosmana Navarra, Rabat, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru

Akkuzat talli:

1. Nhar id-29 ta’ Mejju, 2006 u fil-jiem ta’ qabel gewwa r-Rabtat ,u f’partijiet ohra f’dawn il-Gzejjer,

impjega jew ta xoghol lill-persuna li m kinitx persuna ezenti, u li ma kellhomx licenzja moghtija lilhom ghal dakl-impjieg, jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bhala persuna responsabbli li kien qieghed isir xoghol fil-fond numru 7, Alley 1, Triq Cosmana Navarro, Rabat, u nhawi ohra f'Malta, impiega persuni li ma kienux cittadini ta' Malta, meta ma kellhomx permess validu u ufficcjali;

3. U kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi, bhala principal, jew il-persuna li timpjiega persuni ohra, full-time, part-time jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqas li jinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-Avviz Legali numru 110/1993 (3a sa 10).

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu;

Wara li rat l-Artikoli 32 (1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, u r-regolament 3 sa 10 tal-Avviz Legali 110/1993.

Ikkundsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi mputat Carmel Abela hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh, u ghaldaqstant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur.

Il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------